MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 403/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gertrude Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Gertrude Zammit, karta ta’ l-identita` numru 350977(M), talli nhar-it 8 ta’ April 2014, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil John Mark Zammit għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-13 ta’ Ottubru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Gertrude Zammit ħatja u kkundannatha twiddiba u ċanfira;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Gertrude Zammit ppreżentat fil-15 ta’ Ottubru 2014 fejn talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellanti Gertrude Zammit huma s-segwenti:

> “(1) F’dan il-kaz l-esponenti mhijiex qed tallega li kellha raguni tajba ghala ma baghtitx lit-tifla. Fil-fatt hija segwiet l-istess procedura li dejjem issegwi anke f’dawk l-okkazjonijiet meta t-tifla tmur. L-omm mhijiex qed tinheba wara xi skuza li t-tifla ma tiflahx, li t-tifla ghandha rasha tugaghha, li telghalha d-deni, jew mitt elf skuza ohra illi jidhru gustifikazzjoni. Il-fatti ma jikkostitwux ir-reat.
>
> “(2) Ir-reat jikkonsisti bhala fatt illi l-omm ma tkunx tat l-access skond id-digriet. Ir-raguni tajba hija eskulpanti. Jekk il-fatt l-*actus reus* ma jigix kommess allura mhijiex kwistjoni illi wiehed jispjega ghala dan ma garax. Jekk l-omm tipprepara z-zewgt itfal bl-istess mod u waqt li t-tifel jaqbad u jidhol fil-karozza ta’ nannuh u t-tifla tohrog mill-isfera ta’ kontroll ta’ ommha, timxi fuq il-bankina tat-triq pubblika, tkellem lil nannuha u tghidlu li ma tridx tmur. Hawnhekk ma jistax jinghad illi l-omm ma tatx l-access. Hi tkun ghamlet il-parti mistennija minnha filwaqt illi n-nannu patern ma jhossx illi la t-tifla tkun waslet sa hdejh jerfaghha u jdahhalha fil-karozza. Jekk allura jkun naqas xi hadd ikun in-nannu illi jhalliha terga’ lura lejn id-dar ghaliex hi waqt li ommha baghtitha ma tkunx trid tmur.
>
> “(3) In-nannu patern stqarr li huwa ma jdumx jistenna wisq u wara li jkun kellem lit-tifla jitlaq. Kieku t-tifla ma tidhirx u tkun qrib nannuha wiehed jista’ jibda jiddiskuti li l-omm ma tatx l-access pero` ma jistax jinghad l-istess meta t-tifla tkun imxiet bicca sew fuq il-bankina tasal fejn nannuha u konsegwentement l-omm tkun ossevat dak li hu mpost fuqha mid-Digrieti tal-Qorti. Jekk wiehed jiehu ezempju bl-analogija meta ragel ikun obbligat li jhallas manteniment u jibghat cekk u jkun hemm il-fondi, huwa jkun qieghed jottempera ruhu mad-digriet. Jekk il-mara da parti taghha imbaghad ma ssarrafx ic-cekk ma tistax tghid li r-ragel naqas li jghaddilha l-manteniment. Bl-istess mod f’dan il-kaz, jekk l-omm tkun ghamlet is-sehem taghha u harget mill-isfera tal-kontroll taghha lil minuri biex taqbad it-triq halli tmur hija tkun wettqet l-obbligu taghha taht id-digriet w ghalhekk ma tista’ qatt tinstab hatja li naqset li taghti access tal-minuri lil missier.
>
> “(4) Il-fatt biss li t-tifla ma tmurx ma min kellu jwassalha ma jfissirx li awtomatikament hemm l-elementi tar-reat dedott. Il-verb operattiv huwa ‘taghti’. Jekk hija tkun tat l-opportunita` ghall-access u dan jirrizulta minghajr dubju allura r-reat ma jkunx jissussisti taht l-ebda ipotezi tal-ligi.”

**6.** Mill-provi jirriżulta li fid-data in kwistjoni, ulied l-appellanti kienu jirrisjedu magħha, filwaqt li żewġha kellu d-dritt ta’ aċċess. Kien missier żewġha, Joseph

Zammit, in-nannu patern, li kien imur għat-tfal biex jeħodhom għand missierhom. Kien hemm okkażjonijiet, inkluż fid-data in kwistjoni, fejn it-tifla minorenni ta' erba' snin irrifjutat li tmur miegħu. L-appellanti tgħid illi hi stess ma kinitx tkun taf li bintha se tirrifjuta li tmur għax hi kienet tippreparahom lit-tnejn biex imorru. Fil-fatt hija wriet lill-Qorti video ta' okkażjoni minnhom fejn it-tifla tagħha niżlet it-taraġ ta' barra tad-dar tagħhom, marret ħdejn nannuha, tidher qed tkellmu u tirritorna lejn ommha. Mill-affidavit ta' P.S. 848 L. Gabriel jirriżulta li meta huwa kellem lill-appellanti, hi qaltlu li meta Joseph Zammit mar għat-tifla, hija niżlet biha pero` t-tifla qaltlu "I want to see you never again", u għal dan id-diskors Joseph Zammit qallha "Ok you can go", u xejrilha.

**7.** Joseph Zammit xehed illi f'dawk l-okkażjonijiet li ma kinitx tkun trid tmur, kienet tinżel b'ommha warajha, tkun tidher beżgħana u mħawda u tgħidlu "I don't want to come". Meta jsaqsiha "Why?" ma kinitx tkellmu, iddur, titfa' rasha baxxuta b'xagħarha quddiem għajnejha u ddur lejn ommha u taqbad u titlaq. Huwa kien jibqa' jħares biex forsi jisma' lil ommha, l-appellanti, tgħidilha "Go with nannu" jew taqbad lit-tifla u teħodha fil-karozza.

**8.** Fil-video li rat din il-Qorti, l-appellanti ma niżlitx mat-tifla, u t-tifla dehret f'konversazzjoni qasira u normali ma' nannuha. Meta tirritorna u tara lill-appellanti tieħu l-video titbissem. Fl-istess ħin ma jidher li sar l-ebda ġest mill-appellanti biex tħeġġeġ lil bintha tmur ma' nannuha.

**9.** L-appellanti tgħid illi għamlet dak li trid il-liġi. L-artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min, meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa. Hija tgħid illi l-aċċess tagħtu u kien ħaddieħor li ma pprevalixxiex ruħu minn dik l-opportunita` meta ħalla lit-tifla tirritorna lejn ommha. Joseph Zammit, mistoqsi in kontro-eżami jekk qattx refagħha lit-tifla biex idaħħalha fil-karozza, wieġeb: "No, ma tarax."

**10.** Huwa minnu illi l-appellanti bagħtet lit-tifla għall-aċċess u għalhekk, *on the face of it*, jidher li "tat" l-aċċess. Iżda dak l-għoti ta' aċċess ma kienx wieħed effettiv. Ma taqbel xejn mal-pretensjoni ta' l-appellanti illi kellu jkun in-nannu li jieħu l-passi meħtieġa biex jassigura li t-tifla tidħol fil-karozza tiegħu billi jerfagħha u jdaħħalha fil-karozza, anke kontra l-volonta` tagħha. Kieku għamel hekk, probabilment kien jiġi ffaċċjat b'rapport lill-Pulizija mill-appellanti. Naturalment seta' jipprova jipperswadiha tmur miegħu, u ma tantx jidher li kien jagħmel xi sforzi partikolari biex jagħmel hekk. L-obbligu, pero`, kien fuq l-appellanti.

**11.** Din il-Qorti sejra tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Natasha Theuma** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Gunju 2007 fejn ingħad:

> **"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li jinghad fis-sentenza appellata, anke fuq l-iskorta ta' sentenza ta' din il-Qorti (Qorti ta' l-Appell Kriminali), diversament komposta, tas-17 ta' Frar 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Isabelle Cilia, fis-sens li l-paragrafu (*ll*) in dizamina jimporta element ta' *positive obligation* da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja "<u>taghti</u> access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra. Fil-kaz Cilia, *supra*, gie ritenut li r-rifjut ta' tifel ta' ghaxar snin li jmur ghand missieru, probabbilment ghax kien jara lil ommu tibki u ghalhekk b'sens ta' lealta` lejha ma kienx irid imur ghand missieru, ma kienx jezonera lill-omm milli fizikament tikkonsenja lil dan it-tifel lill-missier. Kif inghad f'dik is-sentenza, l-ordni tal-qorti civili kompetenti kellu jigi rispettat u osservat *ad unguem* u ma setax *"…jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikulta` biex jigi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tieghu, mill-omm lill-missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-qorti."* Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"; ikun ukoll facli li dan l-obbligu jigi eluz billi, kif sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-ginituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux necessarjament fl-interess veru taghhom."**

**12.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqas li tirravviża da parti ta' l-appellanti kien in-nuqqas tagħha li tħeġġeġ lil bintha (li, jiġi ribadit, kellha biss erba' snin) tmur ma' nannuha (għalkemm hi tgħid li kienet tinżel magħha biex tħeġġiġha tmur, ħaġa miċħuda minn Joseph Zammit). Din il-Qorti tinterpreta tali nuqqas bħala r-rieda tagħha li bintha ma tmurx għall-aċċess. Kieku verament riedet lil bintha tmur għall-aċċess, kienet tipprova tipperswadiha, u jekk it-tifla tibqa' tippersisti fir-rifjut tagħha, hi stess tinforma minnufih lill-Pulizija u mill-aktar fis lill-Qorti. Wara kollox, hi stess xehdet illi fl-aħħar, sabiex tipperswadi lit-tifla tmur, kellha tgħidilha li "jekk ma tmurx ħa nidħol il-ħabs". U jidher li dan kellu l-effett mixtieq. Jiġifieri mhuwiex suffiċjenti li hija kienet tipprepara lil bintha biex tmur għall-aċċess flimkien ma' ħuha minorenni wkoll (fil-każ tat-tifel ma kienx

hemm problemi), iżda kellha tara li l-għoti ta’ l-aċċess kien wieħed effettiv billi tuża l-arma tal-persważjoni.

**13.** Jirriżulta li fil-mori ta’ l-appell is-sitwazzjoni nqalbet. It-tfal bdew jirrisjedu ma’ żewġha u l-appellanti jkollha dritt ta’ aċċess. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti għal twiddiba u ċanfira. F’dawn iċ-ċirkostanzi din il-piena m’għadhiex tagħmel sens. Ikkunsidrat kollox, għalhekk, din il-Qorti sejra tagħti l-provvediment infraskritt.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonfermaha għal dik li hi ħtija, b’dan illi r-rifjut kien fir-rigward ta’ waħda minn uliedhom, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti twiddiba u ċanfira u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta tilliberaha bla kundizzjoni (*absolute discharge*).

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------